## IT-TMEXXIJA TAL-KNISJA

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli**
**Atti 15, 1-2, 22-29**

F'dak iż-żmien: Niżlu xi wħud mil-Lhudija u bdew igħallmu lill-aħwa li, "Jekk ma tagħmlux iċ-ċirkonċiżjoni skond id-drawwa li ġejja minn Mose', ma tistgħux issalvaw.'' Pawlu u Barnaba qamu kontra tagħhom u ħaduha mhux ftit magħhom; għalhekk qatgħuha li Pawlu u Barnaba u xi wħud oħra minnhom jitilgħu Ġerusalem għand l-appostli u l-presbiteri fuq din il-kwistjoni.
L-appostli u l-presbiteri, flimkien mal-Knisja kollha, dehrilhom li jagħżlu lil xi wħud minnhom u jibagħtuhom Antjokja ma' Pawlu u Barnaba. Dawn kienu Ġuda, msejjaħ Barsabba, u Silas, li kienu magħrufa sew fost l-aħwa, u bagħtu magħhom din l-ittra: "L-appostli u l-presbiteri, ħutkom, lill-aħwa li ġew mill-pagani, li huma f'Antjokja, fis-Sirja u ċ-Ċiliċja: is-sliem għalikom! Billi smajna li xi wħud min-nies tagħna, mingħajr ebda ordni tagħna, ġew ħawdukom bi kliem li qallbilkom moħħkom, aħna, wara li qbilna lkoll bejnietna dehrilna li nagħżlu xi rġiel u nibagħtuhom għandkom flimkien ma' l-għeżież tagħna Barnaba u Pawlu, irġiel li taw ħajjithom għall-isem tal-Mulej tagħna Ġesu' Kristu. Għalhekk bgħatnielkom 'il Ġuda u 'l Silas, li bi kliemhom iwasslulkom l-istess ħaġa. Għax lill-Ispirtu s-Santu u lilna dehrilna li aħna ma għandna ngħabbukom b'ebda piż ieħor aktar minn dak li hu meħtieġ: jiġifieri, li titbiegħdu mill-ikel mogħti lill-idoli, mid-demm, mil-laħam ta' annimali fgati u miż-żina. Tagħmlu tajjeb li tħarsu rwieħkom minn dawn. Saħħa!''

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu hajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 66**
**Hallelujah, hallelujah, hallelujah**

Iħenn għalina Alla, u jberikna;
idawwal wiċċu fuqna!
Ħa tingħaraf triqatek fuq l-art,
u fost il-ġnus kollha s-salvazzjoni tiegħek!

**R/. Hallelujah, hallelujah, hallelujah**

Jithennew il-ġnus u jgħajtu bil-ferħ,
għax int tagħmel ħaqq mill-popli bis-sewwa,
u tmexxi l-ġnus fuq l-art.

**R/. Hallelujah, hallelujah, hallelujah**

Ifaħħruk il-popli, O Alla,
Ifaħħruk il-popli kollha.
Ħa jberikna Alla,
u ħa jibżgħu minnu t-trufijiet kollha ta' l-art.

**R/. Hallelujha, hallelujah, hallelujah**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ktieb ta' l-Apokalissi ta' San Ġwann Appostlu**
**Apok 21, 10-14, 22-23**

L-Anġlu ħadni fl-Ispirtu fuq muntanja kbira u għolja, u wrieni l-Belt il-Qaddisa, Ġerusalem, nieżla mis-sema mingħand Alla, bis-sebħ ta' Alla fiha, tiddi bħal ħaġra mill-aktar prezzjuża, bħal ġaspru jleqq daqs il-kristall.
Għandha ħajt kbir u għoli, bi tnax-il bieb fih, u tnax-il Anġlu fil-bibien li fuqhom hemm miktuba ismijiet, jiġifieri l-ismijiet tat-tnax-il tribù ta' wlied Israel. Tlieta minn dawn il-bibien jagħtu għan-naħa tal-lvant, tlieta għan-naħa tat-tramuntana, tlieta għan-naħa tan-nofsinhar, u tlieta għan-naħa tal-punent.
U l-ħajt tal-Belt għandu tnax-il pedament, li fuqhom hemm tnax-il isem tat-tnax-il appostlu tal-Ħaruf.
Ebda tempju ma rajt fiha, għax il-Mulej hu t-tempju tagħha, Alla li jista' kollox, u l-Ħaruf. U l-Belt ma teħtieġ la xemx u anqas qamar biex idawluha, għax biex idawwalha għandha s-sebħ ta' Alla, u l-musbieħ tagħha l-Ħaruf.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu hajr lil Alla.**

**Hallelujah, Hallelujah**
Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, igħid il-Mulej;
u Missieri jħobbu, u aħna niġu għandu.
**Hallelujah**

**L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann**
**Ġw 14, 23-29**

F'dak iż-żmien: Ġesu' qal lid-dixxipli tiegħu: "Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna niġu għandu u nagħmlu l-għamara tagħna għandu. Min ma jħobbnix ma jħarisx kliemi. U l-kelma li qegħdin tisimgħu mhijiex tiegħi, imma tal-Missier li bagħatni.
Għidtilkom dan meta għadni magħkom. Imma d-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, igħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għedtilkom.
Jiena nħallilkom is-sliem; nagħtikom is-sliem tiegħi; ma nagħtihulkomx kif tagħtih id-dinja. Tħallux li qalbkom titħawwad u anqas titbeżża'.
Smajtu dak li għedtilkom: Jiena sejjer u nerġa niġi għandkom. Jekk ħabbejtuni, kontu tifirħu li sejjer għand il-Missier, għax il-Missier hu akbar minni. U għedtilkom dan qabel ma jseħħ, biex meta jseħħ, temmnu.''

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**It-tifħir lilek Kristu.**